VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,523, 19 ta' Jannar, 2016
Taqsima B

A.L. 27 tal-2016

L-ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2016 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2014 għall-Programm fil-Liberal Arts and Sciences taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għall-Arti **u x-Xjenzi Liberali**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mill-Bord taċ-Ċentru għall-Arti u x-Xjenżi Liberali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 7(b)(v) tal-Istatut għaċ-Ċentru, u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2016 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2014 għall-Programm fil-Liberal Arts and Sciences, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2014 għall-Programm fil-Liberal Arts and Sciences, taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għall-Arti u x-Xjenżi Liberali, ippubblikati bħala Avviż Legali 221 tal-2014, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mid-19 ta' Settembru, 2015 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok is-sotto-paragrafu (d) tal-paragrafu (2) tar-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(d) il-grad ta' Bachelor in Liberal Studies jekk jiksbu mill-anqas 180 krettu, sakemm li mhux aktar minn 80 krettu jkunu fil-Livell Introduttorju u li jistgħu jinkludu esej twil jew proġett estiż assenjat 12–il krettu, u jissodisfaw ukoll kwalunkwe rekwiżiti oħra kif speċifikat f'dawn ir-regolamenti."